

It-tieni motiv tar-rikors huwa bbażat fuq l-illegalità tal-estensjoni, għall-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ta' korrezzjoni finanzjarja li tista' biss tiġi eventwalment ġġustifikata fir-rigward ta' Stati Membri oħrajn. Ma għet ikkonstatata l-ebda anomalija fil-funzjonament tal-programm fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu. Il-fatt li l-Lussemburgu aċċetta li jipparteċipa fi proġett konġunt mal-Ġermanja, mal-Belġju, ma' Franza u mal-Pajjiżi l-Baxxi, ma jiġġustifikax li jiġu sofruti l-effetti negattivi, f'dak li jirrigwarda l-korrezzjoni finanzjarja tal-proġetti tiegħu, ta' żbalji jew ta' punti dgħajfa li ġew skoperti waqt il-verifika tal-proġetti tal-Pajjiżi l-Baxxi jew tal-Ġermanja u li jikkonsistu kważi għal kollox fallegat ksur tad-dispożizzjonijiet rigward il-proċedura għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi. Minkejja l-fatt li din hija parteċipazzjoni konġunta ta' ħames Stati Membri fl-istess programm, il-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi jaqgħu taħt ir-responsabbiltà esklużiva tal-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri kkonċernati.

---

**Rikors ippreżentat fit-8 ta' Marzu 2010 — Insula vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-110/10)**

(2010/C 134/68)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

*Rikorrent:* Conseil scientifique international pour le développement des îles (Insula) (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: J.-D. Simonet u P. Marsal, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrent**

- tiddikjara r-rikors ammissibbli u fondat;
- tiddikjara li t-talba tal-Kummissjoni li tingħata lura s-somma ta' EUR 84 120 hija infondata u, għaldaqstant, tikkundanna lill-Kummissjoni sabiex toħroġ nota ta' kreditu għall-ammont ta' EUR 84 120;
- tiddikjara li għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali, ir-rikors għandu jiġi magħqud, minħabba li din il-kawża hija relatata, mal-Kawża T-366/09;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Bir-rikors preżenti, ibbażat fuq klawżola ta' arbitraġġ, ir-rikorrent jitlob lill-Qorti Ġenerali sabiex tikkonstata n-nuqqas ta' konformità tan-nota ta' debitu tat-28 ta' Jannar 2010, li biha l-Kummissjoni tordna, wara rapport ta' verifika tal-OLAF, l-irkupru tal-ħlasijiet bil-quddiem mogħtija lir-rikorrent, mal-klawżoli tal-kuntratt EL HIERRO (NNE5/2001/950) konkluż fil-kuntest ta' programm speċifiku ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni fuq l-Enerġija, l-Ambjent u l-Iżvilupp sostenibbli.

Ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

Permezz tal-ewwel motiv, huwa jikkontesta l-eżiġibbiltà tal-kreditu invokat mill-Kummissjoni wara l-verifika li saret fl-2005.

Permezz tat-tieni motiv, huwa jsostni li l-Kummissjoni, bil-ħruġ tan-nota ta' debitu l-ġdida, tikser l-obbligi kuntrattwali tagħha li ma jippermettulhiex iktar li, sitt snin wara l-aħħar ħlas li sar lil Insula u fin-nuqqas ta' notifika minn naħa tagħha fit-terminu previst mill-kuntratt, titlob dokumenti ta' sostenn addizzjonali.

---

**Rikors ippreżentat fit-8 ta' Marzu 2010 — Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-114/10)**

(2010/C 134/69)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: J. Möller, C. Blaschke, aġenti u U. Karpenstein, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tannulla d-Deċizzjoni tal-Kummissjoni C(2009) 10712, tat-23 ta' Diċembru 2009, li tnaqqas l-għajjnuna mogħtija mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) taħt il-Programm ta' Inizjattiva tal-Komunità Interreg II/C "Inondation Rhin-Meuse", fir-Renju tal-Belġju, fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fir-Repubblika Franċiża, fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu u fir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, skont id-Deċizzjoni tal-Kummissjoni C(97) 3742, tat-18 ta' Diċembru 1997 (FEŻR Nru 970010008);